MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 641/2003

**Eden Leisure Group Limited**

**vs**

**AZ INK Co. Ltd., Alfred Zahra De Domenico u Steve Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tnejn u disghin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm492.83) ammont bilancjali dovut ghall-servizzi ta' reklamar rezi mis-socjeta` attrici lil AZ Ink Co. Ltd., ghal liema hlas huma responsabbli personalment in solidum mas-socjeta` imsemmija iz-zewg konvenuti l-ohra Alfred Zahra De Domenico u Steve Cassar;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.**

**Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta fit-28 ta' April, 2003, fejn intqal:**
**Illi t-talbiet attrici kontra Alfred Zahra De Domenico ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li s-socjeta` attrici m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenut Alfred Zahra De Domenico;**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Ra r-risposta prezentata fl-10 ta' Gunju, 2003, mill-konvenut Steve Cassar, fejn intqal:**
**i. Illi fl-ewwel lok, il-pretensjonijiet u talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante illi l-konvenut eccipjenti Stephen Cassar mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant jitlob il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju;**
**ii. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kreditu allegat mhuwiex dovut mill-konvenut eccipjenti;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Tabone, Steve Cassar, Alfred Zahra de Domenico u Stephen Cassar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kawza qed issir ghall-hlas ta' servizzi ta' reklamar rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta. Ghall-hlas ta' dan is-servizz allegatament dahlu responsabbli l-konvenuti Alfred Zahra De Domenico u Steve Cassar. Il-konvenuti qed jghidu li ma kellhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.**
**2. Bhala fatti jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet taghmel xoghol ta' reklamar ghal Bay Radio li hu proprjeta` tas-socjeta` attrici.**
**3. Jirrizulta li fi zmien minnhom saret laqgha li ghaliha kienu prezenti z-zewg konvenuti Cassar u Zahra De Domenico, u kienu ftehmu li jsiru erba' kambjali. Tlieta mill-kambjali gew onorati. Il-hlas tal-ahhar kambjala kien maqsum f'zewg pagamenti, wiehed mill-liema thallas filwaqt li l-iehor fl-ammont**

**ta' erba mija u tnejn u disghin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm492.83) ma giex onorat.**

**4. Meta ffirmaw il-kambjala Dok.JT2, tnizzel hekk: "I accept and sign….personally and on behalf of AZ Ink Co. Ltd". Din giet iffirmata mill-konvenuti Cassar u Zahra De Domenico.**

**5. Huwa minnu li n-negozju kien sar mas-socjeta` konvenuta, pero` huwa minnu wkoll illi l-konvenuti f'isimhom personali kienu dahlu responsabbli ghall-hlas tal-imsemmija kambjala. Ghalhekk ma jistghax jinghad li ma hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti.**

**6. Il-firem fuq il-kambjala datata 25 ta' Settembru, 2002, jinsabu konfermati li huma tal-konvenuti. Mhix skuza li dawn issa jghidu li ma kienux jafu li qed jiffirmaw f'isimhom personali ukoll.**

**7. Huwa minnu li "kambjala li ma tkunx iffirmata mit-traent ma tistax tigi kkunsidrata bhala kambjali." (Vol.XXIX-III-201 kif citata fil-kawza "Falcon limited vs Carmelo Ciappara" deciza mill-Qorti ta'l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998). Inoltre kif jinghad f'din l-ahhar decizjoni citata: "……biex kambjala li hi nulla tkun tista' tigi sostnuta bhala obbligazzjoni semplici f'azzjoni tentata bhala wahda kambjarja l-Qorti trid tindaga dwar in-natura ta' tali obbligazzjoni u jehtieg li l-istess obbligazzjoni tkun b'xi mod jew iehor direttament jew indirettament jirrizulta mill-att tac-citazzjoni kif redatt."**

**8. Mill-kumpless tal-provi, mill-att tal-avviz innifsu, jirrizulta li dak li qed titlob is-socjeta` attrici huwa hlas ghall-servizzi rezi, minghajr ma jsemmi il-kelma kambjala. Id-dokument esebit fil-fatt, jista' jitqies bhala obbligazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta u tal-konvenuti sabiex jhallsu l-ammont hemm indikat.**

**9. Ghalhekk jirrizulta li l-ammont mitlub huwa dovut, u illi l-konvenuti kienu ntrabtu in solidum f'isimhom personali mas-socjeta` konvenuta ghall-hlas tal-ammont imsemmi.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta in solidum mal-konvenuti Steve**

**Cassar u Alfred Zahra De Domenico f'isimhom personali, sabiex jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba mija u tnejn u disghin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm492.83), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Gunju, 2003.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta u mill-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------